

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Ottubru 2009

**li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' estratt mill-werqa tax-Xnien (*Medicago sativa*) bħala ikel ġdid jew ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7641)

(It-test bil-Françiż biss hu awtentiku)

(2009/826/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel ġdid u l-ingredjenti tal-ikel ġdid (<sup>(1)</sup>), u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħi,

(5) Fdik l-opinjoni, l-EFSA waslet għall-konklużjoni li l-konċentrat tal-proteina tax-Xnien (*Medicago sativa*) jista' jittiekel mill-bniedem mingħajr periklu fil-kundizzjonijiet spċificati għall-użu.

(6) Fuq il-bażi tal-evalwazzjoni xjentifika, ġie stabbilit li l-konċentrat tal-proteina tax-Xnien (*Medicago sativa*) huwa konformi mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

Billi:

(1) Fit-28 ta' Frar 2000 il-kumpanija Viridis għamlet rikjesta lill-awtoritajiet kompetenti ta' Franza biex iqiegħdu fis-suq żewġ estratti tal-weraq mix-Xnien iż-żejt (*Medicago sativa*) bħala ikel ġdid jew ingredjent ġdid fl-ikel. fit-28 ta' April 2003 l-entità kompetenti għall-evalwazzjoni tal-ikel ta' Franza hāġet ir-rapport inizjali ta' evalwazzjoni tagħha. Fdak ir-rapport waslet għall-konklużjoni li kien jinħtieġ obbligu ta' evalwazzjoni supplementari.

(2) Il-Kummissjoni għaddiet dan l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni lill-Istati Membri kollha nhar is-27 ta' Frar 2004. Xi Stati Membri għamlu kummenti supplementari.

(3) Fit-12 ta' Ottubru 2006, il-kumpanija L.-R.D. (Lucerne – Recherche et Développement) ħadet fidejha r-responsabilità għall-applikazzjoni; naqset l-ambitu tal-applikazzjoni tal-estratt tal-werqa mix-Xnien u ressjet it-tweġibiet għar-rapport inizjali ta' evalwazzjoni u l-mistoqsijiet supplimentari mqajma mill-Istati Membri.

(4) L-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza Alimentari (EFSA) ġiet kkonsultata fil-11 ta' Frar 2008 u ppreżentat l-“Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar il-Nutriment tal-Prodotti Djetetiċi u l-Allerġiji fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea fuq is-sikurezza tal-konċentrat tal-proteina Alfalfa bħala ikel” fit-13 ta' Marzu 2009.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

### ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-konċentrat tal-proteina tax-Xnien (*Medicago sativa*) minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ il-prodott, kif spċifikat fl-Anness 1, jista’ jitqiegħed fis-suq fil-Komunità bħala ingredjent ġdid tal-ikel għall-użu fis-supplementari tal-ikel.

#### *Artikolu 2*

L-ammont massimu tal-estratt tal-proteina mix-Xnien (*Medicago sativa*) preżenti fil-porzjon irrakkomandat għal konsum ta' kuljum mill-manifattur hu ta' 10 g.

#### *Artikolu 3*

L-isem tal-ingredjent alimentari ġdid awtorizzat minn din id-Deċiżjoni dwar l-ittikkettjar tal-oġġett tal-ikel li fih minn dan l-ingredjent, għandu jkun “Proteina Lucerne (*Medicago sativa*)” jew “Proteina Alfalfa (*Medicago sativa*)”.

<sup>(1)</sup> ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.

**Artikolu 4**

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lil Luzerne — Recherche et Développement (L.-R.D.), Complexe agricole du Mont Bernard, F-51000 Chalons en Champagne

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kummissjoni  
Androulla VASSILIOU  
Membra tal-Kummissjoni*

**ANNESS****SPEċIFIKAZZJONIJIET TAL-ESTRATT TAL-PROTEINA MIX-XNIEN (MEDICAGO SATIVA)****Deskrizzjoni**

Ix-Xnien hu pproċessat fi żmien sagħtejn mill-ħsad. Jitqatta' u jitsfarrak. Meta jgħaddi minn pressa tat-tip li tipproduc ġżejt, ix-Xnien jiġi provvdī f'dal fibruż u sugu tal-pressa (10 % ta' materja niexfa). Il-materja niexfa ta' dan is-sugu fiha madwar 35 % tal-proteina kruda. Is-sugu tal-pressa (pH 5.8-6.2) hu newtralizzat. Tisħin minn qabel u injezzjoni tal-fwar jippermettu l-koadgulazzjoni tal-proteini assoċjati ma' pigmenti tal-karotenojd u tal-klorofilla. Il-materja solida li ssolidifikat mill-proteina tinfried permezz ta' ċentrifugazzjoni u wara titnixx. Wara ż-żieda ta' aċidu assorbiku, il-konċentrat tal-proteina tax-Xnien jitrammel u jinħażen f'gass inerti jew fil-friża.

**Kompożizzjoni tal-estratt tal-proteina mix-Xnien (*Medicago sativa*)**

Proteina	45-60 %
Xaħam	9-11 %
Free carbohydrates (soluble fibre)	1-2 %
Polisakkaridi (fibra li ma tinħallx) including cellulose	11-15 % 2-3 %
Minerali	8-13 %
Saponini	Mhux aktar minn 1,4 %
Iżoflavoni	Mhux aktar minn 350 mg/kg
Coumestrol	Mhux aktar minn 100 mg/kg
Phytates	Mhux aktar minn 200 mg/kg
L-canavanine	Mhux aktar minn 4,5 mg/kg